# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Mejju 2024

NR 118/2024 Data tal-Ħruġ: 27 ta' Ġunju 2024 Data tal-Għeluq: 24 ta' Ġunju 2024

*F'Mejju 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali rreġistra żieda ta' 0.3 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2023.*



**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel ma' Mejju 2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali tela' b'0.3 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet kienu rreġistrati fl-oġġetti kapitali (6.8 fil-mija) u fl-oġġetti tal-konsum (1.7 fil-mija). L-oġġetti intermedji naqsu bi 3.6 fil-mija. Ma kienx hemm tibdil fil-prezz fis-settur tal-enerġija.

Il-prezzijiet tal-produtturi industrijali għas-suq domestiku żdiedu b'0.5 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet dehru fl-oġġetti tal-konsum (2.8 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (0.1 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-oġġetti intermedji naqsu b'0.8 fil-mija.

Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona tal-Ewro telgħu b'1.5 fil-mija, filwaqt li dawk maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro naqsu b'1.1 fil-mija (Tabella nru 2).

**Tqabbil max-xahar ta' qabel**

F'Mejju 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali naqas b'0.8 fil-mija meta mqabbel ma' April 2024. Il-prezzijiet tal-oġġetti intermedji naqsu bi 2.4 fil-mija. Ma kien hemm l-ebda tibdil fil-prezzijiet fl-oqsma tal-enerġija, tal-oġġetti kapitali u tal-oġġetti tal-konsum.

Il-prezz tas-suq domestiku niżel b'0.1 fil-mija minħabba tnaqqis ta' 0.2 fil-mija fl-oġġetti intermedji. Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet tal-gruppi industrijali l-oħra.

Il-prezzijiet mhux domestiċi naqsu b'1.5 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro u dawk maħsuba għaż-Żona tal-Ewro naqsu b'1.6 fil-mija u b'1.4 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali

(2021=100) għall-industrija kollha

